MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 224/2003

**JOHN MARY SIVE JIMMY VELLA**

vs

**SOVEREIGN HOTELS LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-attur ippremetta illi hu huwa importatur u bejjiegh bl-ingross ta' prodotti vegetali, frottijiet u simili;

Ippremetta illi s-socjeta' konvenuta xtrat minghand l-attur diversi konsenji ta' merkanzija, in konnessjoni ma' liema konsenji ghad fadal bilanc dovut ta' tlettax-il elf u hamsa u tletin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (LM 13,035.39);

Ippremetta illi ghalkemm debitament interpellata ghall-hlas, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Ippremetta illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u ghalhekk in vista tad-dikjarazzjoni attrici, kif ukoll ta’ l-affidavit anness a tenur ta’ l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12, jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega sabiex tigi dispensat is-smigh;

Talbu ghalhekk biex l-istess socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necesarja u opportuna:

1. Tiddeciedi din il-kawza skond is-segwenti talba attrici bid-dispensa tas-smigh a tenur ta’ l-artikoli 167 sa-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara s-socjeta’ konvenuta debitrici ta’ l-attur fis-somma ta’ tlettax-il elf u hamsa u tletin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (LM 13,035.39); u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur tali somma ta’ tlettax-il elf u hamsa u tletin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (LM13,035.39);

Bl-imghax kummercjali ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mid-dati tar-rispettivi skadenzi tal-krediti individwali li jiffurmaw is-somma mitluba; bl-ispejjez legali inkluzi dawk relattivi ghall-mandat ta’ qbid fl-istess ismijiet mitlub kontestwalment; bl-ingunzjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta’ konvenuta minn issa in subizzjoni, u bir-riserva ta’ kull azzjoni ulterjuri fil-ligi inkluz kontra d-diretturi tas-socjeta’ konvenuta ai termini ta’ l-Att dwar il-Kumpanniji.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat ta’ l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------